## KAMPJONAT 1951-52 (It-Tieni Parti)

# Floriana champions għal 15-il darba

### IL-ĦDAX-IL ĠURNATA

**16-03-1952:**
**Floriana FC – Rabat FC 2-1**
**H.T 1-1**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi.**
**Skurjaw:** P. Demanuele (F) 2', J. Agius (R) 18' u C. Azzopardi (F) 59'

**FLORIANA FC**: Mike Galea, Albert Fenech, Willie Xerri, Ġorġ Dalli, Tony Dalli, Joe 'Tichy' Grech, Lolly Vella, Benny Camilleri, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**RABAT FC**: Wenzu Gabarretta. Walter Powell, Alfie Pearson, Charles Zahra, Ruġġieru Spiteri, Paul Micallef, John Darmanin, Ernest Chappelle, Joe Agius, Charlie Theuma. Peter Micallef.

1. Il-lista ta' plejers imweġġgħin Furjaniżi kompliet tikber hekk kif fil-35 minuta ta' din il-partita Lolly Borg kellu jħalli l-ground wara li ħabat ras ma' ras ma' Walter Powell. Borg ittieħed l-isptar isofri minn concussion. F'dawn l-aħħar erba' logħbiet Floriana tilfu lill-goalkeeper Ġużi Alamango, lid-difensuri Lolly Debattista u Leli Zammit, u lil Tony Vella u Ġużi Bennetti. Lolly Borg kien irritorna għall-aħħar partita tal-kampjonat filwaqt li Alamango, Debattista u Bennetti kienu tilfu l-bqija tal-istaġun.

2. B'konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet Floriana kellhom erba' plejers mit-tim tat-Tieni Diviżjoni tagħhom – il-goalkeeper Galea, il-full-backs Albert Fenech u Willie Xerri u l-half-back Ġorġ Dalli.

3. Il-goalkeeper Furjaniż Mike Galea fis-17-il minuta salva f'corner penalty mogħti minn Peter Micallef. Mill-corner Rabat ġabu d-draw xorta waħda b'daqqa ta' ras ta' Joe Agius.

4. Kien hemm tfiegħ ta' ġebel lejn il-goalkeeper Rabti Wenzu Gabarretta mis-side ta' Floriana.

**22-03-1952:**
**Sliema Wdrs. FC – St.George's FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi.**
**Skurjaw**: T. Nicholl (S) 31', S. Scicluna (St. Geo) 47' u T. Nicholl (S) 60'.

**SLIEMA WDRS. FC**: Lolly Rizzo, Emmanuel 'Id-Diju' Borg, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Piju Lebrun, Ġużi 'Il-Labre' Camilleri, Ġużi Vassallo, Tony Nicholl, Maurice Walsh, Bob Bonavia.

**ST.GEORGE'S FC**: Gili, Żużu Rizzo, Karmenu Farrugia, Peppi Delceppo, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Frans Purkiss, Oscar Bartolo, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Nenu Bonavia, Salvu 'Scotch' Scicluna, Salvu Romolo.

1. Gili kien goalkeeper ieħor akkwistat fis-sajf minn St. George's FC. Fl-istaġun ta' qabel huwa kien jilgħab ma' Gudja United. Iż-żewġ goalkeepers l-oħra użati mis-Saints f'dan il-kampjonat, Ġużi Mugliett u Ninu Degiorgio, kienu ġew akkwistati mingħand Sliema Wdrs u Naxxar Lions rispettivament.

**23-03-1952:**
**Valletta FC – St.Patrick FC 3-3**
**H.T 0-1**
**Ref: Walter (Watty) Gatt**
**Skurjaw**: Borg (S) 18', W. Steel (S) 68', L. Pace (V) 71', S. Scerri (S) 79', P. Vassallo (V) 88' u L. Pace (V) 90'

**VALLETTA FC**: Mike 'Il-Moro' Cutajar, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, J. Cassar, Edwin 'Dwinu' Schembri, Lewis Azzopardi, Ġużeppi Micallef, Joe Bonello, Leli 'Il-Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu Vassallo.

**ST. PATRICK FC**: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Emmanuel Falzon, Asciak, Attard, Albert Xerri, Anġlu 'Il-Wila' Cremona, Joe Bonnici, Borg, Wally Steel, S. Scerri, Chetcuti.

1. St. Patrick ġabru l-ewwel punt tal-istaġun li bi ftit attenzjoni setgħu kienu anke żewġ punti iżda huma ġew milħuqa fi draw ta' 3-3 b'żewġ goals fl-aħħar, żewġ minuti tal-partita. Il-plejers Żabbarin ipprotestaw mar-referee Gatt li kien diġà qabeż il-ħin meta Valletta skurjaw it-tielet goal.



Hamrun Spartans qabel partita ta' ħbiberija fejn fuq il-lemin nett hemm Tony Nicholl li lagħab bħala *guest player* għalihom

### AĦBARIJIET

**F'partita tat-Tieni Diviżjoni li ntlagħbet il-Ħadd filgħodu tat-23 ta' Marzu, 1952, bejn it-tieni tim ta' Sliema Wanderers u t-tieni tim ta' Hibernians, il-captain Pawlista John Coreschi keċċa mill-ground lil sieħbu tat-tim Joe Grixti. Ir-raġuni għal din id-deċiżjoni insolita kienet sabiex tonqos it-tensjoni għolja li kien hemm fil-partita. Hibernians kienu fetħu vantaġġ ta' żewġ goals skurjati minn Demarco u Cassar qabel auto goal ta' Grixti, żewġ goals ta' Michael Kingston u ieħor minn Tonna dawru r-riżultat favur il-Wanderers.**

L-istaġun tal-football, 1951-52, għalaq fuq nota traġika meta fit-8 ta' Ġunju, 1952, wara t-tieni replay tal-Final tat-Trophy bejn Sliema Wanderers u Hibernians mirbuħa mis-Slimiżi 1-0 wara żewġ draws ta' 3-3 u 1-1. Wara din it-tielet final seħħet splużjoni ta' murtali fuq trakk mimli bil-partitarji ta' Hibernians li kienu sejrin lura lejn Raħal il-Ġdid. Fl-inċident weġgħu Tommy Bugeja 20 sena, Albert Pace 21 sena, Leli Xerri 18-il sena, Ġorġ Coleiro 25 sena, Leli Pace 22 sena, Ġiġi Vassallo 18-il sena u Michael Degiorgio 29 sena. L-agħar li marru pero' kienu l-partitarji Harry Grasso 20 sena u Victor Pace 26 sena. Grasso miet f'dik il-lejla stess fl-Isptar San Luqa filwaqt li Pace miet fil-15 ta' Ġunju, 1952. Fis-snin tmenin, Schreiber Sports Ground, f'Raħal il-Ġdid, kien inbidillu l-isem tiegħu għal Ground Pace Grasso.


Azzjoni mill-partita bejn Floriana u Hamrun Spartans (3-2)

# Imutu ż-żewġ partitarji ta' Hibernians Victor Pace u Harry Grasso

**26-03-1952:**
**Hibernians FC – Ħamrun Sp. FC 2-2**
**H.T 1-1**
**Ref: Major Alfred. P Briffa R.M.A**
**Skurjaw**: J. C. Coulon (Hibs) 13', Ġ. Buttigieg (HS) 20', F. Scifo (HS) 55' u F. Church (Hibs) 60'.

**HIBERNIANS FC**: Pawlu Montebello, Joe Grixti, Johnnie Azzopardi, John Gatt, Victor Portelli, Jackie Grech, Salvu Psaila, Jean Claude Coulon, Fredu Church, Joe Vella Borg, John Coreschi.

**ĦAMRUN SP. FC**: Kelinu 'Il-Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Piju Camilleri, George Jones, Ġużi Zammit, Romeo Vassallo, Leli 'Ta' Giorgia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Franz Scifo, Romeo Psaila.

**KLASSIFIKA**: Floriana FC 18-il pt.; Valletta FC 16-il pt.; Sliema Wdrs. FC 15-il pt.; Ħamrun Sp. FC 14-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; St.George's FC 10 pti.; Rabat FC 4 pti.; St. Patrick FC 1 pt.

**L-AQWA SKORERS**: L. Borg (Floriana FC) 16-il goal; P. Demanuele (Floriana FC) 11-il goal; F. Church (Hibernians FC) 9 goals; S. Schembri (Valletta FC) u F. Scifo (Hamrun Sp. FC) 8 goals.

## IT-TNAX-IL ĠURNATA

**09-03-1952:**
**Floriana FC – Hibernians FC 3-2**
**H.T 1-0**
**Ref: Leli Spiteri**
**Skurjaw**: P. Demanuele (F) 35', C. Azzopardi (F) 51' u 62', J. Gatt (H) 69'u S. Psaila (H) 75'.

**FLORIANA FC**: Mike Galea, Lolly Debattista, Leli Zammit, Ġorġ Dalli, Tony Dalli, Joe 'Tichy' Grech, Lolly Vella, Benny Camilleri, Charlie 'Il-Grioss' Azzopardi, Lolly Borg, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**HIBERNIANS FC**: Pawlu Montebello, Joe Grixti, Victor Portelli, John Gatt, Victor Formosa, Leli 'Likku' Saliba, Salvu Psaila, Jackie Grech, Fredu Church, Joe Vella Borg, John Coreschi.

1. Iktar inkwiet għall-Greens meta, fil-57 minuta, id-difensur Leli Zammit kellu jħalli l-ground b'idu miksura meta waqa' ħażin wara li għola għall-ballun bir-ras. Zammit kien se jerġa' jidħol jilgħab iżda r-referee ma ħalliehx minħabba li njama li kellu ma jdejh kienet ikkunsidrata perikoluża għall-plejers l-oħra. Biex tkompli tiġihom ħażina, fit-80 minuta, Floriana spiċċaw il-partita b'disa' plejers meta d-difensur l-ieħor Lolly Debattista kellu jħalli l-ground isofri minn concussion wara li għola għall-ballun ma' Saliba 'Il-Likku'.


Lolly Borg (mhux fir-ritratt) jiskorja għal Floriana kontra Hamrun Spartans. Fir-ritratt jidher il-plejer Furjaniż, Ġużi Bennetti

**29-03-1952:**
**Hamrun Sp. FC – Rabat FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Leli Spiteri**
**Skorja**: G. Psaila (HS) 4', 56' u 89'.

**HAMRUN SP. FC**: Kelinu 'Il-Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Frans 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Ġużi Zammit, Toni 'Ir-Rumba' Dimech, Leli 'Ta' Ġiorġia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Romeo Vassallo, Romeo Psaila.

**RABAT FC**: Wenzu Gabarretta, Walter Powell, Alfie Pearson, Charles Zahra, Ruġġieru Spiteri, Paul Micallef, John Darmanin, Ernest Chappelle, Joe Agius, Charles Theuma, Peter Micallef.

1. Fil-71 minuta Romeo Psaila falla penalty meta x-xutt tiegħu spiċċa barra.

**02-04-1952:**
**St.George's FC – St. Patrick FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Salvu Pirotta**
**Skurjaw**: S. Romolo (St. Geo) 29', J. Bonnici (St. Pat) 57'u N. Bonavia (St. Geo) pen. 81'.

**ST.GEORGE'S FC**: Ġużi Mugliett, Żużu

## KAMPJONAT 1951-52 (It-Tieni Parti)

# Rabat FC jevitaw ir-Relegazzjoni bl-aħħar xutt tal-logħba

Rizzo, Karmenu Farrugia, Peppi Delceppo, Salvu 'Ta'Belsen' Caruana, Frans Purkiss, Oscar Bartolo, Nenu 'Beccun' Mizzi, Nenu Bonavia, Salvu 'Scotch' Scicluna, Salvu Romolo.

**ST. PATRICK FC**: Terreni, Frans Hole, W. Hole, Asciak, Albert Scerri, Anġlu 'Il-Wila' Cremona, Joe Bonnici, Silvio Rapinett, Wally Steel, S. Scerri, John Azzopardi.

1. Goal mhux tas-soltu ġie skurjat minn Salvu Romolo ta' St. George's FC meta rnexxielu jieħu l-ballun waqt li l-goalkeeper Terreni kien qed iħabbat il-ballun mal-art qabel jagħti x-xutt 'il fuq. Il-goalkeeper Terreni kien qed jiddebutta ma' St. Patrick minflok il-goalkeeper regolari Salvu Cassar li kien għadu qed jirkupra minn uġigħ f'dahru wara li waqa' ħażin fl-aħħar ħarġa kontra Hibernians FC.

2. Romolo ta' St. George's FC flimkien ma' Frans Hole u John Azzopardi ta' St. Patrick FC kollha tkeċċew fit-80 minuta.

**12-04-1952:**
**Sliema Wdrs. FC – Valletta FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Joe M. Cassar Naudi**
**Skurjaw**: T. Nicholl (S) 36' u 61' u Ġ. Vassallo (S) 69'

**SLIEMA WDRS. FC**: Lolly Rizzo, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ninu Calleja, Ġużi Cuschieri, Ġużi 'Il-Labre' Camilleri, Ġużi Vassallo, Tony Nicholl, Maurice Walsh, Charlie Mattocks.

**VALLETTA FC**: Charles Bruno, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Nenu 'Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Edwin 'Dwinu' Schembri, Lewis Azzopardi, Leli 'Il-Goway' Curmi, Joe Bonello, Leli 'Il-Pesa' Pace, J. Cassar, Pawlu Vassallo.

**KLASSIFIKA**: Floriana FC 20 pt.; Sliema Wdrs. FC 17-il pt.; Hamrun Sp. FC u Valletta FC 16-il pt.; St.George's FC 12-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; Rabat FC 4 pti. u St. Patrick FC 1 pt.

**L-AQWA SKORERS**: L. Borg (Floriana FC) 16il goal; P. Demanuele (Floriana FC) 12-il goal; G. Psaila (Hamrun Sp. FC) u F. Church (Hibernians FC) 9 goals; S. Schembri (Valletta FC) 8 goals.

### IT-TLETTAX-IL ĠURNATA

**30-03-1952:**
**Hibernians FC – St. Patrick FC 8-1**
**H.T 2-1**
**Skurjaw**: W. Steel (St. Pat) 2', F. Church (H) 4', J. Vella Borg (H) 28', F. Church (H) 62', J. Vella Borg (H) 65', S. Psaila (H) 75', J. Vella Borg (H) 78' u 80', J. Grech (H) 81'.


Il-captain ta' Sliema Wanderers, Tony Nicholl, jieħu b'id ir-referee qabel il-partita kontra Hamrun Spartans

St. Patrick FC ingħataw rebħa ta' 2-0 wara protest wara li Hibernians għamlu użu mill-plejer Joe Gerada. Din id-deċiżjoni ħarġet mill-MFA nhar il-Ġimgħa, 18 ta' April, 1952, fil-għaxija, inqas minn jumejn qabel l-aħħar partita tal-kampjonat ta' St. Patrick, u ż-Żabbarin minn tim diġà relegat sabu ruħhom biċ-ċans mill-ġdid li jsalvaw posthom mal-kbar.

**HIBERNIANS FC**: Pawlu Montebello, Joe Grixti, Johnnie Azzopardi, John Gatt, Victor Portelli, Jackie Grech, Salvu Psaila, Joe Vella Borg, Fredu Church, Jean Claude Coulon, John Coreschi.

**ST. PATRICK FC**: Salvu 'Il-Pompa' Cassar, Frans Hole, C. Cassar, Leli Gouder, Emmanuel Falzon, Anġlu 'Il-Wila' Cremona, Scerri, A. Attard, Wally Steel, Silvio Rapinett, John Azzopardi.

1. Fis-60 minuta, il-goalkeeper Salvu Cassar ta' St. Patrick FC weġġa' u ttieħed l-isptar b'uġigħ f'dahru. Minn hemm 'il quddiem Hibernians ħadu r-riedni tal-logħba f'idejhom fejn fl-aħħar nofs siegħa skurjaw sitt goals għal rebħa kbira ta' 8-1.

2. Ir-rebħa kbira ta' Hibernians irriżultat inutli meta St. Patrick FC ingħataw il-punti tal-partita wara protest. Il-club Żabbari sostna li Hibernians kisru Regolament Nr. 46 meta lagħbu lill-plejer Joe Grixti. Ir-regolament kien jgħid li jekk il-Pulizija tkun qed tieħu passi kontra xi plejer, dan il-plejer jiġi awtomatikament sospiż sakemm jinqata' l-każ tiegħu mill-Qorti. Fil-fatt il-Pulizija kienet qed tieħu passi legali kontra l-plejer Joe Grxiti wara nċidenti li kienu nqalgħu waqt il-partita tat-Tieni Diviżjoni bejn Hibernians u Sliema Wanderers ta' ġimgħa qabel.

**05-04-1952:**
**Hamrun Sp. FC – Valletta FC 3-2**
**H.T 0-1**
**Ref: Major Alfred P. Briffa (RMA)**
**Skurjaw**: L. Pace (V) 29', L. Agius (Ħ) 49', G. Psaila (Ħ) 53' u 55' u J. Bonello (V) 80'

**HAMRUN SP. FC**: Kelinu 'Boqqa' Aquilina, Salvu Azzopardi, Frans 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Ġużi Zammit, Romeo Vassallo, Leli 'Ta' Ġiorġia' Agius, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Gejtu 'Il-Ħaċċa' Psaila, Franz Scifo, Romeo Psaila.

**VALLETTA FC**: Mike 'Il-Moro' Cutajar, George 'Ta' Ċetta' Sciberras, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Ċensu Muscat, Edwin

'Dwinu' Schembri, Lewis Azzopardi, Leli 'Il-Go-Away' Curmi, Joe Bonello, Leli 'Pesa' Pace, Ġużi 'Iż-Żajer' Borg, Pawlu Vassallo.

1. Valletta tilfu l-partita meta sofrew tliet goals fi spazju ta' sitt minuti. Bejn dawn il-goals Ħamruniżi Romeo Psaila seta' żied ieħor iżda xeħet barra minn penalty għall-Ispartans, fil-51 minuta. Il-penalty kien ingħata minkejja li Ħamrun kienu sabu x-xibka xorta waħda minn Romeo Vassallo iżda r-referee kien laħaq saffar għal imbuttatura fuq l-istess Vassallo.

**06-04-1952:**
**Floriana FC – St.George's FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Ref: R. Owen.**

**Skurjaw**: P. Demanuele (F) 19', C. Bennetti (F) pen. 65' u C. Azzopardi (F) 82'.

**FLORIANA FC**: Mike Galea, Willie Xerri, Leli Zammit, Joe 'Tichy' Grech, Tony Dalli, Tony Vella, Lolly Vella, Benny Camilleri, Charlie 'Grioss' Azzopardi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

**ST. GEORGE'S FC**: Ġużi Mugliett, Karmenu Farrugia, Frans Purkiss, Ġużeppi 'Ħarrubu' Zarb, Salvu 'Ta' Belsen' Caruana, Peppi Delceppo, S. Damato, Nenu 'Beċċun' Mizzi, Nenu Bonavia, Salvu 'Scotch' Scicluna, Salvu Romolo.

1. B'din ir-rebħa, Floriana FC huma matematikament ċerti mir-rebħ tal-kampjonat. Huma issa kienu rebħu l-kampjonat għal 15-il darba bl-aħħar tliet kampjonati jaslu konsekuttivi fl-aħħar tliet snin.



Karikatura li turi r-rebħa ta' Ħamrun Spartans fuq Valletta

**07-04-1952:**
**Sliema Wdrs. FC – Rabat FC 5-1**
**H.T 3-1**

**Skurjaw**: T. Nicholl (S) 16', M. Walsh (S) 29', Ġ. Vassallo (S) 31', P. Micallef (R) 35', Ġ. Vassallo (S) 71' u T. Nicholl (S) 80'.

**SLIEMA WDRS. FC**: Lolly Rizzo, Emmanuel 'Il-Bugan' Galea, Lolly Cuschieri, Gejtu 'Gaga' Sacco, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Piju Lebrun, Ġużi 'Il-Labre' Camilleri, Ġużi Vassallo, Tony Nicholl, Maurice Walsh, Charlie Mattocks.

**RABAT FC**: Alfred Zammit, Nazzareno Sultana, Alfie Pearson, Walter Powell, Ruġġieru Spiteri, Charles Zahra, Joe Tabone, Ernest Chappelle, Joe Agius, Charles Theuma, Peter Micallef.

1. Emmanuel Galea 'Il-Bugan' lagħab l-unika partita tiegħu mal-kbar tal-Wanderers. Huwa kien ġie akkwistat fis-sajf mingħand ir-rivali Floriana FC.

**KLASSIFIKA**: Floriana FC 22 pt.; Sliema Wdrs 19-il pt.; Ħamrun Sp. FC 18-il pt.; Valletta FC 16-il pt.; St.George's FC 12-il pt.; Hibernians FC 11-il pt.; Rabat FC 4 pti.u St. Patrick FC 3 pti.

**L-AQWA SKORERS**: L. Borg (Floriana FC) 16-il goal; P. Demanuele (Floriana FC) 13-il goal; G. Psaila (Hamrun Sp.) 11-il goal; F. Church (Hibernians FC) 9 goals.



**L-iskwadra ta' Zurrieq proprju fl-ewwel staġun tat-twaqqif tal-klabb, 1949/50 –**
**Wara: C. Farrugia, J. Caruana, J. Zammit, J. Cachia, J. Briffa, G. Camilleri, S. Schembri, C. Cutajar**
**Fin-nofs: A. Schembri, C. Camilleri, C. Mallia, V. Caruana, J. Mallia, J. Farrugia, Z. Camilleri**
**Quddiem: N. Camilleri, N. Caruana, J. Farrugia, M. Camilleri, S. Caruana**